# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 5 ta' Lulju 2000.**

**Numru 58**

**Citaz. numru 2023/96 DS**

Nicholas sive Lino Debono u ibnu Francis Debono
vs
Il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, l-AIC Philip Grech bhala Direttur tad-Drenagg fil-Ministeru tal-Ambjent u l-Onorevoli Dr. Francis Zammit Dimech bhala Ministru tal-Ambjent

Illum, 5 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Gunju 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

illi huma propjetarji tal-fondi msejjha "Cypress", "St. Francis", "St. David" u tminn garaxxijiet fi Triq Sant'Antnin, F'Wied il-Ghajn.

illi s-sistema tad-drenagg tal-gvern, kif ukoll dik tad-distribuzzjoni tal-ilma, tal-Korporazzjoni tal-Ilma, fi Triq l-Iskal u/jew fi Triq Gebel Hanxul, u/jew fil-vicinanzi qed inixxu u jcarcru b'mod kostanti u fi kwantita konsiderevoli ghal go l-istess fondi fuq indikati, djar ta' abitazzjoni u garaxxijiet.

illi l-ilma b'riha nsapportabbli li qed jinzel fil-propjeta tal-atturi qed ipoggi lilhom, lill-familjari taghhom u lill-inkwilini li jikru minn ghandhom, kif ukoll lill-pubbliku in generali, f'perikolu ghal sahhithom.

illi l-istess qed jikkawza hsarat enormi fil-propjeta tal-atturi kemm fl-immobbli u kif ukoll fil-mobbli li jinsabu fl-istess immobbli, kif ukoll lill-mobbilja u merkanzija ohra ta' terzi persuni inkwilini tal-garaxxijiet.

illi dina s-sitwazzjoni ilha tezisti ghal zmien twil bizzejjed (ara l-protest tal-21 ta' Mejju 1996), fejn kienet ingibdet l-attenzjoni tal-konvenuti u l-ufficjali taghhom li baqghu inadempjenti u hallew il-hsara tal-attur tikber aktar. Dana minkejja l-fatt li d-difetti fis-sistema kienu diga hargu u kkawzaw danni lill-atturi sa minn Lulju tal-1992, kif kien gie rilevat fil-kawza Nru. 778/92, quddiem l-Onor. Imhallef Dr. Joseph Said Pullicino, li giet ceduta wara transazzjoni.

talab lil din il-Qorti:

1. Issib lill-konvenuti responsabbli tal-hsarat li sofrew u ghadhom isofru u jistghu jibqghu jsofru l-atturi, kif premess;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jaghmlu t-tiswijiet necessarji kollha fis-sistema tad-drenagg fi Triq l-Iskal u/jew Triq Gebel Hanxul, u/jew fl-inhawi vicini f'Wied il-Ghajn, sabiex jieqaf l-iskular u t-tnixxija tal-ilma minha li qed jikkawza l-hsara lill-atturi;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo permezz ta' periti nominandi u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-istess lill-atturi;

4. Tikkundanna lill-atturi jaghmlu t-tiswijiet kollha mehtiega fil-garaxxijiet, fid-"driveway", fil-bir u fil-gnien, fl-immobbli fuq imsemmija fi zmien qasir u perentorju u taht is-sorveljanza tal-perit nominat mill-Qorti, u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu l-istess tiswijiet a spejjez tal-konvenuti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-21 ta' Mejju 1996, u dawk konnessi tal-kaz, kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fejn qalet:

1. Illi l-istess Korporazzjoni mhux responsabbli tal-hsara li allegatament sofrew, qehdin isofru, u jistghu isofru l-atturi.

2. Illi, fi kwelunkwe kaz, u minghajr pregudizzju, t-tieni talba kontenuta fic-citazzjoni ma tistax tigi akkolta fil-konfront ta' l-istess Korporazzjoni;

3. Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici, fil-konfront tal-Korporazzjoni eccipjenti, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra fejn qalu:

1. Illi preliminarjament il-konvenut Dr Francis Zammit Dimech bhala Ministru tal-Ambjent gie mharrek inutilment u ghandu jigi f'dan l-istadju liberat mill-osservanza tal-gudizzju ai termini tal-artikolu 181(B) tal-Kap 12.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju tal-premess, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba li l-hsarat u danni gejjin mill-komunikazzjoni difettuza li hemm fil-bini ta' sid il-fond li ghandu r-restaurant bieb ma bieb ma l-istess atturi.

3. Illi ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza sid il-fond li ghandu r-restaurant bieb ma bieb mal-propjeta tal-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

5. Illi huma m'ghandhomx ibatu spejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-26 ta’ Gunju 1996 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Joseph Jaccarini sabiex jirrelata fuq il-punt tekniku;

Rat ukoll id-digriet ta’ l-10 ta’ Dicembru 1996 fejn l-atturi gew awtorizzati jaghmlu xi xoghlijiet biex jirripristinaw il-fond taghhom u dan taht is-supervizjoni ta’ l-istess A.I.C. Joseph Jaccarini;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fl-14 ta’ Frar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Jigi qabel xejn rilevat li l-Qorti kellha f'idejha u bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq process li fil-maggor parti tieghu gie rikostruwit.

Din il-kawza tirrigwarda inondazzjoni ta’ proprjeta` ta’ l-atturi f’M’Scala minn ilma kontaminat bid-drenagg. Din il-proprjeta` tinsab fuq Triq Sant’Antnin kantuniera ma’ Triq Gebel Hanxul li hija telgha u li f’nofsha taqsam Triq l-Iskal li tigi parallela ma’ Triq Sant’Antnin izda li tinsab f’livell ferm oghla minn Triq Sant’Antnin. L-inondazzjoni nvadiet diversi garages, id-dar ta’ residenza taghhom li jisimha “Cypress” u zewg fondi ohra li jisimhom “Francis” u “David”.

Fir-relazzjoni tieghu l-espert arkitett jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:

"5.5 Ir-rizultati ottenuti fil-Laboratorju tad-Dipartiment tas-Sahha jikkonfermaw li l-ilma nvadenti kien ilma li seta' thallat mad-drenagg u dan il-ghaliex il-kontaminazzjoni li nstabet kemm f'dawk li huma Coliform bacteria kif ukoll aktar bil-konferma tal-presenza tal-Eschericia Coli jew E. Coli kif normalment jigu msejha, jghatu stampa cara, li l-ilma li kien qed inixxi, kien ilma simili ghal dak tad-drenagg ghaliex dawn il-"microbes", li jissejhu wkoll "Faecial Bacteria". huma indikattivi ta' ilma kontaminat bhal ma hu dak tad-drenagg u dan it-tipi ta' mikrobi huma rarissimu li jinsabu fl-ilma tax-xorb jekk mhux f'kasijiet u incidenti generalment isolati u insoliti ta' kontaminazzjoni.

5.6 Fil-process li gie rikostruwit jirrizulta li hemm dokumenti li l-esponenti kien diga ra fl-ewwel okkazjoni li kellu jirrelata. L-esponenti qieghed jirreferi ghar-rizultati li hargu mill-Laboratorju Tad-Dipartiment tas-Sahha wara l-kampjuni li kienu ngabru minn fuq il-propjeta' tal-atturi. Dawn jinkludu, fost kopji ta' dokumenti li gew esebiti fil-Process, kopji tad-Dokumenti "ND 1", "ND 7", "ND8", "ND 9" u specjalment "ND10" li hija ittra taht il-firma tal-Ispettur Sanitarju A. Vella fejn inghata rendikont tar-rizultati ottenuti fuq il-kampjuni li ttiehdu mill-ilma li nfiltra fil-garages, l-ilma tat-tnixxija fis-side curtilage, fil-bir fid-drive-in u fil-bir gol-Farmhouse fi Triq Gebel Hanxul, li fihom nstabu Coliform bacteria, nitrates u detergent, kif ukoll E.Coli u "ammonia" u l-ilma gie klassifikat bhala wiehed "grossly polluted". Dawn id-dokumenti li hemm fil-process juru per ezempju li f'Dok. "ND1" jirreferi ghall-kampjun mehud minn garage fit-22 ta' Mejju, 1996, li r-rizultat wera li "hemm il-presenza ta' E. Coli u l-ilma gie kkwalifikat bir-rimarka "grossly polluted". Fid-Dok. "ND7" li jirreferi ghall kampjun migbur mill-bitha fl-istess data, r-rizultat ukoll wera l-presenza ta' E. Coli u klassifikat bhala wiehed "grossly polluted" ukoll. Fid-Dok. "ND 9" liema kampjun

migbur ittiehed fl-istess gurnata bhal ta' fuq mill-fondi "Cypress" fi Triq Sant' Antnin, gie misjub li kien hemm il-presenza ta' E. Coli u klassifikat bhala "grossly polluted".  Dok. "ND 10" bid-data tad-19 ta' Awissu 1996, gew repetuti l-analizi li ttiehdu mill-garage, side garden, well water u well water mill-Farmhouse, kollha ndikaw il-presenza issa ta' nitrites - indikazzjoni ta' kontaminazzjoni ricenti - detergent, ammonia, - kollha kimici ndikattttivi ta' ilma kkontaminat u kwalifikat bhal "grossly polluted".

5.7 Irid wiehed jispjega li, kif diga ntqal, il-presenza tal-Caliform bacteria, li malli jinstabu jsiru "tests" specifici ghat-tfittxija tal-E.Coli, il-presenza tan-nitrates li allura jghatu ndikazzjoni ta' "past pollution" u mhux haga ricenti ghaliex in-nitrites jinbidlu maz-zmien f'nitrites, il-presenza tal-ammonia u dik tad-detergents ma jhallu l-ebda dubju li l-ilma nfiltranti kien imniggez bid-drenagg - ilma msejjah bit-Taljan "acqua nera" li normalment ikollu dawn l-elementi kollha fieh u li jiddistingwuh minn kwelunkwe ilma iehor.  Irid jinghad ukoll li l-ilma li dahal gol-garages u baqa' hemm ghal tul ta' zmien, seta' kabbar il-presenza ta' dawn l-elementi u ta' lok ghat-tkabbir ta' iktar mikrobi w insetti, sitwazzjoni li tirrizulta fl-ambjent li jkun jinsab fieh l-ilma qieghed, spcjalment jekk diga kontaminat, meta fl-istat li jkun jghati lok ghall-avvanz tad-degradazzjoni u tkabbir tal-mikrobi u insetti ta' kull xorta.  Huwa mhabba f'hekk, li tali ilma jkun ta' theddida ghas-sahha tal-individwi li jkunu jew jabitaw vicin f'dan l-ambjent jew juzaw il-propjeta' li fiha jkun qed jirrizulta dan.

5.8 Nigu issa ghall-analizi li ghamlet il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fil-Laboratorju taghha fejn mil-kampjuni migbura, l-ilma nstab li kellu "Conductivity" simili ghal dik ta' l-ilma li jigi provdut fin-network tal-"Mains" li ghandha l-Korporazzjoni.  Il-"chlorides", li huma indikazzjoni ta' dik li tissejjah "salinity" ghandhom il-limiti ta' tolleranza skond kif inhuma definiti fl-"International Standards for Drinking Water" mahrug mill-World Health organization.  Ghalkemm l-ilma tax-xorb xi kultant f'dawk li huma "clorides" jeccedi tali limiti, bhal ma rrizulta fl-analizi li saru.  Fil-kampjun analizzat fit-23 ta' Awissu, 1996 - Lab No. 2639/2640 kienu nstabu tracci tan-nitritis indikazzjoni ta' "recent pollution", kif ukoll tracci ta' phosphates, u ghalkemm dan jghati wiehed x'jifhem li l-ilma ma kienx tracci ta' phosphates, u ghalhekk dan jghati wiehed x'jifhem li l-ilma ma kienx ilma tal-vit, izda x'aktarx tad-drenagg, jew ahjar ilma mhallat mad-drenagg.  L-ilma li gie migbur minn "White House Flats". Slipway Street, Marsascala, ir-rizultati jindikaw li l-ilma kien x'aktarx ilma tal-"main" billi kellu l-conductivity kwazi l-istess bhal tal-"mains' water u ma kienx hemm presenza tal-ammonia.

5.9 L-esponenti jidhirlu li r-rimarki li ghamel l-Avukat Dr. Thomas Abela LL.D. fin-Nota ta' Osservazzjonijiet li ppresenta huma relevati ghall-kwistjoni u x-xhieda li tat Charmaine Bartolo tikkonferma li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kellha "leakages" li setghu kkontribwew ghall-ilma invadenti fil-propjeta' attrici. Il-hsarat fil-"main" gew ikkonfermati mix-xhieda provduti mill-Korporazzjoni, u sostenuti mir-rizultati ottenuti fil-Laboratorju stess tal-Korporazzjoni, fejn l-ilma fit-tlett kampjuni nstab li kien "mains' water". Huwa minnu li nghatat xhieda konflingenti mill-istess membri tal-Korporazzjoni bil-fatt li Saviour Baldacchino jixhed li l-kampjuni juru li ma kienx ilma tal-Korporazzjoni waqt li l-analizi tal-Laboratorju jippruvaw mod iehor.

5.10 L-ispjegazzjoni li ta x-xhud Paul Gatt fejn minkejja li djar privati jigu konnessi mas-sistema tad-drenagg, il-fosos li kellhom setghu jibqghu jigu wzati, taqbel ma' dak li gie ddikjarat fix-xhieda ta' Vincent Cilia. hija haga kurjuza li waqt li d-Dipartiment tas-Sahha jissorvelja l-konnessjoni li ssir minn dar privata ghal mal-katusi tad-drenagg, il-fosos li jkun hemm ma jigux mirduma u ssigillati taht l-istess sorveljanza, u ghalhekk jirrizulta li xi hadd irresponsabbli ihalli l-uzu ta' dawn il-fosos minkejja li jkollu l-facilita' tal-konnessjoni mad-drenagg, kemm biex id-drenagg l-ewwel jghaddi ghas-sistema, jew f'xi okkazjonijiet, l-istess fosos jintuzaw ghall-hazna tal-ilma tax-xita li jintuza ghat-tisqija ta' xi gnien. Minn dan l-aspett mhix haga impossibli li l-ilma minn dawn il-fosos li allura jkun diga' kkontaminat, inixxi ghal fuq il-blat, li fil-kaz in kwistjoni dan il-blat kellu tendenza li jinzel lejn il-propjeta' ta' l-atturi.

6.1 Minn dak li gie sueespost ma jibqax dubju, li l-infiltrazzjoni rizultanti f'inundazjoni tal-propjeta' tal-atturi kienet saret minhabba ilma li oskula minn fuq il-blat li naturalment mhuwiex saff assorbenti u sfoga fil-propjeta' li tinsab fil-livelli baxxi mill-livell tas-saff tal-blat fit-toroq li hemm paralelli mat-triq li fuqha tiffacja l-imsemmija propjeta'. Dan l-ilma gie ppruvat mill-kampjuni migbura kif ukoll bl-ammissjoni ta' xi whud mix-xhieda li kien ilma tal-"mains" jew ahjar ilma li tissuplixxi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Ilma seta' thallat ma' drenagg jew seta' rrizulta mill-istess sistema ta' sewers li hemm fid-dintorni jew minhabba kif issemma mill-fosos li thallew minkejja li dawn ma baqghux jintuzaw wara li kull dar giet konnessa mal-katusi tad-drenagg. Dawn il-fosos imisshom gew mirduma taht is-sorveljanza tad-Dipartiment li ghandu l-onus li jara u jispezzjona kwalunkwe konnessjoni li ssir ma tali sistema ta' katusi ghall-gbir ta' ilma mahmug mid-djar.

6.2 Jirrizulta wkoll li d-Dipartiment tad-Drenagg kellu xi hsarat li setghu kkontribwew ghat-tnixxija ta' ilma li nvada l-propjeta' tal-atturi u dan il-ghaliex kienet saret manhole fejn instabet crack, wara li gew innotati xi qsim fil-katusi meta sar is-survey bil-camenra, bhal ma semma l-attur fl-affidavit tieghu datat 1 ta' Lulju 1996, fejn indika x'kien instab, ghalkemm meta sar it-thaffir, hlief ghal fejn saret il-manhole hsarat ma nstabux imhabba li l-katusi kienu mdawra bil-konkos. Il-hsarat kienu fil-parti fejn xi ferghat privati jghaqdu mas-sistema u xi tnixxija saret hemm. Fl-ittra li kien irceva bid-data tal-25 ta' Gunju, 1996 l-attur, kien gie kkonfermat li kienu nstabu difetti fil-katusi, liema hsarat kellhom jigu msewwija.

6.3 Mill-kampjuni li ttiehdu u gew analizzati kemm fil-Laboratorju tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kif f'dak tad-Dipartiment tas-Sahha, l-ilma li invada l-propjeta' attrici kien wiehed li jindika ilma kkontaminat, b'mikrobi normalment allacjati mad-drenagg kif ukoll kimici bhal nitrates u ammonia li huma prevalenti f'ilma tad-drenagg. Dan jista, apparti l-hsara fis-sistema tad-drenagg fid-dintorni, kien ir-rizultat ta' dak li seta' sar minhabba li l-ilma ghadda mill-fosos kif issemma u la darba l-ilma jigi kkontaminat, il-kontaminazzjoni tkompli tikber u mhux tickien, specjalment f'ambjenti bhal ma kienu fil-garages, fejn l-ilma kien fi stat statiku konducenti ghat-tkabbir u multiplikazzjoni tal-mikrobi u tal-insetti.
`

6.5 L-esponenti, ghaldaqstant jidhirlu li l-hsarat sofferti mill-atturi fil-propjeta' taghhom, kemm ghal dawk li huma ta' natura strutturali, kif ukoll imhabba t-telf fl-uzu ta' l-istess propjeta' u l-introjtu li seta' kellhom minnha, ghandhom jigu risarciti l-bicca l-kbira minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u d-Dipartiment tad-Drenagg li t-tnejn ikkontribwew ghall-kawza primarja tal-inondazzjoni li saret permezz tat-tnixxija tal-ilma li saret mill-hsarat li kellhom iz-zewg entitajiet. Id-Dipartiment tas-Sahha seta' gie kjamat in kawza, stante li s-supervizjoni tal-konnessjoni tad-djar privati mas-sistema li jipprovdi d-dipartiment tad-Drenagg taqa' fuq l-Ispetturi Sanitarji li ghandu d-Dipartiment tas-Sahha, liema Spetturi fl-opinjoni tal-esponenti ghandhom ir-responsabbilita li jaraw li la darba tkun giet introdotta s-sistema tad-drenagg, il-kontinwazzjoni fl-uzu tal-fosos ghadha titwaqqaf billi dawn l-istess fosos jigu mirduma taht is-sorveljanza taghhom u b'hekk jigi eliminat kwalunkwe uzu iehor ta' dawn ic-cisterni li kif diga ntqal, jistghu jintuzaw minn xi whud ghall-hazna ta' ilma ghat-tisqija, specjalment fi djar fejn ma jkunux gew provduti bi bjar skond il-provedimenti tal-Ligi Sanitarja.

6.6 L-esponenti jidhirlu li kemm id-Dipartiment tad-Drenagg, kif ukoll il-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma ghandhom jaghmlu survey intensiv biex tigi eliminata l-possibilita' ta' ripetizzjoni ta' invazjoni ta' ilma fil-propjeta' tal-atturi li s'issa okkorriet darbtejn, u jigi accertat u zgurat li nvazjoni ta' ilma fil-propjeta' kemm dik attrici u ta' ohrajn fid-dintorni ma tergax tirrizulta. Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma trid tara li l-mains li ghandha, specjalment f'toroq li ghandhom pendil qawwi, jigu kull tant distanza ankrati bi blokki tal-konkos biex b'hekk tigi eliminata l-possibilita' li l-pipes jistghu johorgu mill-irjus taghhom u jsir leakage. L-istess ghandu jsir mid-Dipartiment tad-Drenagg li jassigura li l-katusi fis-sistema tad-drenagg huma mdawrin tajjeb bil-konkos, biex f'kaz li jirrizultaw xi cracks dawn ma jkunux kagun ghall-leakages li jistghu jinvadu l-propjeta' tal-privat, specjalment f'ambjent fejn bhal dak ta' Marsascala.

6.7 Huwa mportanti wkoll li d-Dipartiment tas-Sahha jigi nfurmat b'dak li gara F'Marsascala u accertat li fil-futur is-sorveljanza tal-konnessjoni tad-djar privati mas-sistema tad-drenagg tigi maghmula b'tali mod li ma jithalla l-ebda dubju li tali konnessjonijiet ma jsirux kif ghandhom isiru, ittestjati qabel ghal xi leakage qabel ma l-uzu taghhom jigi awtorizzat u b'hekk tigi eliminata l-probabilita' li l-ilma mid-drains god-djar jista jsib ruhu barra mis-sistema tad-drenagg. Irid jigi accertat ukoll li l-ebda fossa la darba jkun hemm is-sistema tad-drenagg, ma tithalla f'pozizzjoni li tista tintuza, izda tigi mirduma u ssigillata darba ghal dejjem. Jekk dan ma jsirx, il-possibilita' li dak li ghaddew minnu l-atturi jerga jirrikorri, tkun dejjem prezenti. L-atturi mill-parti taghhom iridu jghamlu xoghol fuq il-parti ta' wara tal-propjeta taghhom biex jassiguraw l-propjeta' taghhom ma tistax terga tkun inondata b'ilma kif sar fil-garages li ghandhom.

6.8 L-esponenti ghalhekk jidhirlu li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u l-atturi ghandhom jigu rikompensati ghad-danni li sofrew, kwantifikati ki gie ddikjarat minnhom, liema danni ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u d-Dipartiment tad-Drenagg. L-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghalhekk ghandhom jigu michuda".

Fil-fehma tal-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha li tressqu u l-konstatazzjonijiet maghmula mill-perit tekniku ssib li l-istess perit ghamel apprezzament tajjeb u gust ta’ l-istess provi u ma tara l-ebda raguni biex ma takkoljix il-konkluzjonijiet tieghu. Ghalhekk il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u d-Dipartiment tad-Drenagg ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghan-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma li tikkontjeni diversi kummenti li fil-fehma tal-Qorti huma frivoli u irizorji:

L-asserzjoni li l-perit tekniku ecceda l-limiti ta' l-inkarigu ghax issottometta opinjoni dwar ir-responsabbilta` ghall-hsara u d-danni hija inaccettabbli peress li l-kummenti tal-perit tekniku f'dar-rigward jisubentraw fl-apprezzament tekniku tal-provi. Fi kwaluunkwe kaz il-provi u l-pretensjonijiet ta' l-atturi dwar danni ma jinsabu kontradetti bl-ebda mod. Inoltre r-referenza ghal dak li gie dikjarat minn Dr. Thomas Abela fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 1996 quddiem l-assistenta gudizzjarja (u li ghaliha kien prezenti Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni konvenuta) ma giet b'ebda mod kontestata fl-istess seduta, indikazzjoni cara li l-istess Korporazzjoni ma kellha l-ebda oggezzjoni li l-perit tekniku jaghmel l-konstatazzjoni u l-valutazzjoni mehtiega.

Il-Korporazzjoni taghmel referenza ghall-artikolu 21 tal-Kap 355. Fil-fehma tal-Qorti l-Korporazzjoni ma tistax tistahba taht is-salvagwardi ta' l-imsemmi artikolu. L-ewwel nett, kif tajjeb issottomettew l-atturi fin-nota responsiva taghhom, dak l-artikolu ma jezentax lill-Korporazzjoni milli tagixxi bhala *bonus paterfamilias*. Irrizulta ampjament pruvat li kien hemm skular ta' ilma mill-"mains" ta' l-ilma li ghalihom hi responsabbli l-istess Korporazzjoni u ma jirrizultax li hadet passi effettivi tempestivi bizzejjed biex taghmel it-tiswijiet necessarji.

Is-sottomissjoni l-ohra tal-Korporazzjoni li l-kampjuni ta' l-ilma ezaminati fil-mori tal-kawza m'ghandhom l-ebda rilevanza hi assurda. Qabel il-kawza kien hemm skular ta' ilma. Wara li giet intavolata l-kawza, sakemm ittiehdu l-passi rimedjali opportuni, baqa' jiskula l-ilma. Il-fatt biss li waqaf jiskula ilma bix-xoghlijiet li saru huwa evidenza tar-responsabbilta` tal-Korporazzjoni (naturalment flimkien mad-Dipartiment tad-Drenagg).

Dwar danni, il-Qorti tirreferi ghall-affidavits ta' l-attur Nicholas Debono, ghar-rapport ta' William Cassar Torreggiani, ghar-rapporti ta' l-A.I.C. Albert Fenech, ghad-dokumenti ohra relattivi u ghan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi tat-3 ta' Frar 1999. Minn hawn jidher li d-danni pretizi mill-atturi (b'differenza biss ghat-tieni item li dwarha l-atturi talbu s-somma ta' Lm1179 izda li minnha l-ammont ta' Lm360 huwa kompriz fl-ewwel item u l-ammont ta' Lm23 jikkonsisti fid-drittijiet ta' l-imsemmi William Cassar Torreggiani) huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| Ripristinazzjoni tal-garages 2, 4, 6, 7 u 8 u tindif ta' zewgt ibjar ..................................................... | Lm 1356.92 |
| Telf ta' oggetti li kien hemm fil-garaxxijiet kif elenkati fir-rapport ta' William Cassar Torreggiani ........ | 696.00 |
| Spejjez ta' rapport ta' William Cassar Torreggiani .............. | 23.00 |
| Spejjez ta' tliet rapporti ta' A.I.C. Albert Fenech ................ | 69.00 |
| Telf ta' kera tal-garages ................................................. | 970.00 |
| Telf ta' kera tal-fond "Francis" ........................................ | 360.00 |
| Telf ta' kera tal-fond "David" .......................................... | 140.00 |
| Zgumbrament ta' ghamar minn dawn iz-zewg fondi .......... | 300.00 |
| Zgumbrament ta' ghamara u bdil ta' residenza ta' l-atturi ghal post iehor .................................................. | 1500.00 |
| Hsarat lil Waterline Restaurant ........................................ | 235.00 |
| | ----------------------- |
| | Lm 5649.92 |
| | ------------------------ |

Il-Qorti hi tal-fehma li dawn id-danni huma gustifikati u qed jigu likwidati fl-imsemmija somma ta' Lm5649.92 li ghalihom jridu jaghmlu tajjeb il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u d-Dipartiment tad-Drenagg.

Fil-fatt, ghalkemm ic-citazzjoni giet intavolata wkoll kontra l-Ministru ta' l-Ambjent, huwa gie effettivament imharrek inutilment in virtu` ta' dak dipost mill-artikolu 181B tal-Kap 12.

Inoltre, stante li rrizulta mill-atti li x-xoghlijiet necessarji saru, m'hemmx lok aktar li l-Qorti taghti l-provvedimenti relattivi f'dar-rigward.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni ta' l-Onor. Dr. Francis Zammit Dimech bhala Ministru tal-Ambjent u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tar-raba' talbiet ta' l-atturi, tilqa' t-talbiet l-ohra ta' l-atturi, u

(1) tiddikjara lill-konvenuti Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u lid-Direttur tad-Drenagg fil-Ministeru ta' l-Ambjent responsabbli tal-hsarat li sofrew l-atturi,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm5649.92, u
(3) tikkundannahom ihallsu lill-atturi din is-somma ta' Lm5649.92., bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u Direttur tad-Drenagg fil-Ministeru tal-Ambjent.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**